# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 323/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Isaac Chetcuti**
**Emanuel sive Noel Borg**

Illum 13 ta' Settembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellati:

**Isaac Chetcuti**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 357877(M),

u

[1] Vol. I: *a fol.* 1 *et seq.*.

**Emanuel sive Noel Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 48973(M),

akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer u barra minn dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Mejju 2002, u matul l-aħħar sitt (6) xhur qabel din id-data:

1. assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina (kokajina u l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha) f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), jew li ppromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assoċjazzjoni;

2. għenu, ħajjru, taw parir jew fittxew biex jiġi magħmul f'post barra minn Malta reat li għalih hemm piena skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi korrispondenti li tkun isseħħ f'dak il-post, jew assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex għamlu tali reat jew għamlu xi haġa biex iħejju jew jiffaċilitaw xi att li kieku jsir f'Malta jkun reat kontra l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

<u>Lil Isaac Chetcuti waħdu wkoll talli</u>: f'dawn il-Gżejjer fl-1 ta' Awwissu 2002 u matul l-aħħar sitt (6) xhur qabel din id-data:

3. kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* bi ksur ta' Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. kellu wkoll fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' Artiklu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Awla 15) tad-29 ta' Jannar 1999.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew mobbli kollha li huma dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputati jew huma proprjeta' tagħhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Rat illi fil-15 ta' Ottubru 2009 l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta ppreżenta Att ta' Akkuża bin-Numru 36/2009 (Vol. XVIII: *a fol.* 3064 *et seq.*) kontra l-hawn fuq imsemmija appellati Isaac Chetcuti u Emanuel sive Noel Borg, liema Att ta' Akkuża jaqra hekk:**

***L-EWWEL KAP***

*Illi f'Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati li kienu qed isiru arranġamenti sabiex jiġu impurtati ġewwa Malta mill-Olanda ammonti konsiderevoli tad-droga kokajina u cannabis, it-tnejn li jitqiesu bħala sustanza illegali ai fini tal-liġijiet tagħna, u dan ai fini li jiġu ttraffikati. Jirriżulta li kien hemm diversi persuni, xi uħud minnhom li kienu ġol-ħabs ta' Malta, li kienu involuti fl-operat tal-kuntatti u tal-arranġamenti sabiex dan isseħħ. Fosthom kien hemm l-akkużati kif hawn imsemmija.*

*Illi waqt l-investigazzjonijiet, irriżulta li għall-habta ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002), Isaac Chetcuti, qua ko-akkużat, kien ftiehem ma' persuni oħra involuti f'din l-organizazzjoni kriminali sabiex isib xi persuni li jaċċettaw li jġibu d-droga mill-Costa ta' Sqallija lejn Malta permezz ta' dgħajsa, wara li d-droga in kwistjoni tkun ġiet impurtata illegalment mill-Olanda. Jirriżulta li l-akkużat kien avviċina persuna, li jinsab akkużat fi proċeduri separati, sabiex ifornilu d-dgħajsa tiegħu tal-għamla Chauldron (Speed Boat) ai finijiet ta' dawn l-iskopijiet illeċiti u irriżulta li Emanuel sive Noel*

*Borg, akkużat f'dawn il-proċeduri, kien iħaddem id-dgħajsa flimkien ma' din il-pesuna li ġiet avviċinata b'dan il-mod mill-akkużat Isaac Chetcuti. Skont il-pjan maħsub, permezz ta' din id-dgħajsa kellha tinġabar id-droga in kwistjoni minn-naħat tal-kosta ta' Sqallija, fil-Provinċja ta' Ragusa, Scolietti u tidħol fin-naħat tat-Tramuntana ta' Malta lejn in-naħat ta' Għawdex. Għas-servizz tiegħu l-akkużat Isaac Chetcuti kien ser jitħallas elf Lira Maltin (Lm1,000) ekwivalenti għal elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).*

*Fortunatament d-diversi membri ta' din l-organizazzjoni kriminali ġew arrestati qabel ma ġie finalizzat il-pjan maħsub. Fosthom kien hemm l-akkużat Isaac Chetcuti, li ġie arrestat fl-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn hu filfatt ikkonferma l-involviment tiegħu mal-membri tal-Korp tal-Pulizija kif spjegat.*

*Illi b'għemilu l-imsemmi Isaac Chetcuti sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.*

*Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs. Isaac Chetcuti datati disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) u l-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) rispettivament, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.*

*Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Isaac Chetcuti, reċidiv f'delitt, ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni; jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jigi kkundannat*

*għal piena ta' priġunerija għal għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tliet mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 Għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-Artikoli 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.*

## ***IT-TIENI KAP***

*Illi waqt l-investigazzjonijiet li bdew f'Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001), u minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi kif imsemmija fl-Ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża rriżulta li l-akkużat Isaac Chetcuti kien avviċina lil persuna oħra li huwa akkużata fi proċeduri separati, sabiex ifornilu d-dgħajsa tiegħu tal-għamla Chauldron (Speed Boat) ai finijiet ta' dawn l-iskopijiet illeċiti, filwaqt li Emanuel sive Noel Borg, ko-akkużat f'dawn il-proċeduri, kien iħaddem id-dgħajsa flimkien ma' din il-persuna li kienet ġiet avviċinata b'dan il-mod mill-akkużat Isaac Chetcuti.*

*Illi rriżulta li Emanuel sive Noel Borg aċċetta li jforni d-dgħajsa msemmija xjentement għal dawn l-iskopijiet illegali, fejn permezz ta' din id-dgħajsa kellha tinġabar id-droga in kwistjoni minn-naħat tal-kosta ta' Sqallija, fil-Provinċja ta' Ragusa, Scolietti u tidħol fin-naħat tat-Tramuntana ta' Malta lejn in-naħat t'Għawdex. Irriżulta wkoll li huwa kellu jitħallas parti sostanzjali minn ammont konsiderevoli ta' flus ammontanti għat-total ta' tmient elef Liri Maltin (Lm8000) illum ekwivalenti għal tmintax il-elf, sitt mija, erbgħa u tletin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€18,634.99). Irriżulta wkoll illi in esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub Noel Borg, qua akkużat ltaqgħa diversi drabi ma' l-akkużat Isaac Chetcuti u d-*

*dgħajsa in kwistjoni kienet ġiet ippruvata fil-granet preċedenti għad-data meta kella ssir l-importazzjoni tas-sustanzi llegali.*

*Illi l-vjaġġ in kwistjoni kellu jsir fit-18 ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002) iżda fortunatament dan ma laħaqx ġie finalizzat peress li l-persuni li kellhom igħaddu d-droga (li kienu wkoll involuti f'din l-investigazzjoni), kienu ġew arrestati in konnessjoni mal-istess investigazzjonijiet. Sussegwentement, l-akkużat Emanuel sive Noel Borg ġie arrestat in vista tal-involviment tiegħu f'din l-organizzazzjoni kriminali.*

*llli b'għemilu l-imsemmi Emanuel sive Noel Borg sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.*

*Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Emanuel sive Noel Borg ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanżja din l-assoċazzjoni; jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 Għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-Artikoli 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.*

# ***IT-TIELET KAP***

*Illi meta l-akkużat Isaac Chetcuti ġie arrestat in segwitu għall-investigazzjonijiet mertu tal-Ewwel Kap ta' din l-Att tal-akkuża, u ċioè fl-ewwel (1) ta' Awwissu elfejn u tnejn (2002), waqt tfittxija li saret fir-residenza tal-istess akkużat irriżulta li kellu kaxxa żgħira tal-metal kontenenti ftit raża meħuda mill-pjanta Cannabis li hija kkunsidrata bħala mediċina perikoluża skont l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101). Meta ġie mitkellem, l-akkużat Isaac Chetcuti stess ikkonferma illi huwa ġieli jagħmel użu mill-Cannabis billi jpejjipha u li jużaha għall-użu personali tiegħu.*

*Illi l-pjanta cannabis hija ikkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I taħt l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u Isaac Chetcuti ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.*

*Illi b'għemilu l-imsemmi Isaac Chetcuti sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu, ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża.*

*Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs. Isaac Chetcuti datati d-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999) u l-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) rispettivament, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.*

*Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Isaac Chetcuti, reċidiv f'delitt, ħati talli, kellu fil-pussess (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża; jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn tnax il-sena priġunerija u mhux inqas minn tnax-il xahar u multa ta' mhux anqas minn erba' mija sitta u sittin Euro (€466) iżda*

*mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u tlett mitt Euro (€23,300), skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 8(a), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 tal-Kapitolu 101, u fl-Artikoli 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.*

## ***IR-RABA' KAP***

*Illi meta l-akkużat Isaac Chetcuti ġie arrestat in segwitu għall-investigazzjonijiet mertu tal-Ewwel Kap ta' din l-Att tal-akkuża, u ċioè fl-ewwel (1) ta' Awwissu elfejn u tnejn (2002), waqt tfittxija li saret fir-residenza tiegħu irriżulta li kellu kaxxa żgħira tal-metal kontenenti ftit żerriegħa meħuda mill-pjanta Cannabis li hija kkunsidrata bħala mediċina perikoluża skont l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101). Meta ġie mitkellem, l-akkużat Isaac Chetcuti stess ikkonferma illi huwa ġieli jagħmel użu mill-Cannabis billi jpejjipha u li jużaha għall-użu personali tiegħu.*

*Illi l-pjanta cannabis hija ikkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I taħt l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u Isaac Chetcuti ma' kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.*

*Illi b'għemilu l-imsemmi Isaac Chetcuti sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha).*

*Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs. Isaac Chetcuti datati d-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija, disgħa u disgħin (1999) u l-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) rispettivament, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.*

*Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Isaac Chetcuti, reċidiv f'delitt, ħati talli, kellu fil-*

*pussess (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha); jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn tnax il-sena priġunerija u mhux inqas minn tnax-il xahar u multa ta' mhux anqas minn erba' mija, sitta u sittin Euro (€466) iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u tlett mitt Euro (€23,300), skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 8(d), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 tal Kapitolu 101, u fl-Artikoli 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Vol. XIX: *a fol.* 3590 *et seq.*) tal-25 ta' Ġunju 2018, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-liġi msemmija minnha fis-sentenza appellata, filwaqt li lliberat lil Emanuel sive Noel Borg mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu li jinsabu fit-Tieni Kap tal-Akkuża, illiberat lil Isaac Chetcuti mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu fl-Ewwel Kap tal-Akkuża u sabitu ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu fit-Tielet u fir-Raba' Kap tal-Akkuża u kkundannatu multa komplessiva ta' elfejn Euro (€2,000). Il-Qorti ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oġġetti konnessi mal-akkużi imsemmija fit-Tielet u fir-Raba' Kap tal-akkuża fil-konfront tal-akkużat Isaac Chetcuti.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali (Vol. XIX: *a fol.* 3621 *et seq.*) ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2018 fejn wara li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din il-Qorti sabiex: *"**tirriforma** s-sentenza billi: **tikkonferma** dik il-parti fejn sabet lil Isaac Chetcuti ħati taħt it-Tielet u r-Raba' Kap tal-akkużi fil-konfront tiegħu; filwaqt li **tħassar u tirrevoka** dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lil Isaac Chetcuti u lil Emanuel sive Noel Borg ħatja taħt l-Ewwel u t-Tieni Kapi tal-akkuża rispettivament u minflok issibhom ħatja tagħhom u tinfliġġi l-piena applikabbli skont il-liġi f'kull każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat 29 ta' Diċembru 2014 (Vol. XVIII: *a fol.* 3286) fejn, bis-saħħa ta' Artikolu 31 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) ordna li l-imputati Isaac Chetcuti u Emanuel Borg jiġu proċessati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontra tagħhom għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduti tat-23 ta' Marzu 2023 u tal-20 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diga' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, b'dan illi l-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak li qalu l-konsulenti legali tal-appellati hekk kif verbalizzat fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-25 ta' Ġunju 2018. Għal kull buon fini jingħad li l-appellati f'dan il-każ kienu oriġinarjament tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja flimkien ma' numru ta' persuni oħra pero' eventwalment il-proċeduri kriminali fil-konfront ta' dawn il-persuni ġew separati.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jsejjes l-appell tiegħu fuq is-segwenti:

- Li l-Ewwel Qorti għamlet enuċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba u tal-liġi applikabbli għal każ *de quo*. F'dan ir-rigward l-appellant isemmi li l-appellati kienu ġew mitkellma flimkien ma' numru ta' persuni oħra li wħud minnhom wieġbu għall-mistoqsijiet tal-Pulizija kif ukoll ammettew il-ħtija;

- Li ġialadarba huwa evidenti li sar kuntatt bejn Fabio Psaila, Raymond Borg u Romeo Bone sabiex jiġi miftiehem kif kellha tinġieb id-droga, dan huwa biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-assoċjazzjoni. L-appellant jgħid li f'dan il-każ hemm mhux biss il-ftehim iżda hemm ukoll il-fatt li żewġ persuni nqabdu *in flagrante delicto*.

Illi fis-sottomissjonijiet bil-fomm (Vol. XIX: *a fol.* 3660 *et seq.*) mismugħa quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2018, l-Avukat Ġenerali ċċara li l-aggravji tiegħu jibdew mit-titolu "Stqarrijiet". Permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti fuq skorta ta' ġurisprudenza warrbet l-istqarrijiet li ġew rilaxxati mill-appellati. Minkejja dan, f'Nota ppreżentata fit-12 ta' Novembru 2018 (Vol. XIX: *a fol.* 3652) l-appellant qal li ma kienx qed jinsisti fuq dan l-aggravju u fil-verbal tas-seduta miżmuma fis-26 ta' Novembru 2018 (Vol. XIX: *a fol.* 3659) l-appellant Avukat Ġenerali ċċara li kien qed jirtira dan l-aggravju. B'hekk din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali huwa dwar l-interċettazzjonijiet. Huwa jilmenta li permezz ta' dawn l-interċettazzjonijiet deher li l-appellati kienu qed jikkomunikaw ma' persuni li spiċċaw arrestati u li wara li l-Ewwel Qorti fliet dawn l-interċettazzjonijiet hija ma setgħetx issib prova konkreta in konnessjoni mal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellati.

Illi dwar dan il-punt l-appellati jirreferu għal verbal tas-seduta miżmuma fit-8 ta' Novembru 2017 (Vol. XIX – *a fol.* 3481) fejn b'riferenza għal verbal tat-3 ta' Mejju 2017 il-Prosekuzzjoni qablet mal-pożizzjoni kif indikata mill-appellati. Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2017 (Vol XIX – *a fol.* 3407) l-appellati ndikaw li skont ġurisprudenza preċedenti t-*tapes* u t-*transcripts* ta' ko-akkużat fejn l-akkużat jiġi identifikat japplika biss favur jew kontra tiegħu u ħadd aktar.

Illi l-appellati jilmentaw li l-Avukat Ġenerali qed jibbaża l-appell tiegħu fuq id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-iSpettur Neil Harrison, liema dikjarazzjonijiet huma msejsa fuq l-istqarrijiet magħmula mill-appellati liema stqarrijiet ittieħdu mingħajr aċċess għal avukat. L-appellati jilmentaw ukoll li t-*telephones* li ġew interċettati ma ġewx identifikati b'dana li ma hemmx prova ta' min huma.

Illi l-appellati jilmentaw ukoll li sabiex tiġi ppruvata l-assoċjazzjoni taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jrid tal-inqas jintwera li l-att illegali maħsub irid jkun dwar importazzjoni ta' droga. Huma jisħqu li minħabba l-mod ta' kif saret l-imputazzjoni jrid jintwera li din l-assoċjazzjoni hija dwar droga partikolari. Jilmentaw li d-dispożizzjonijiet li saru fl-ittri rogatorji ttieħdu mingħajr ġurament bi ksur tar-regoli proċedurali Maltin. Magħdud ma' dan l-appellati jilmentaw li x-xhieda li xehdu permezz tal-ittri rogatorji ma kienux esperti mqabbda mill-Qorti Maltija u rriżulta li kienu pulizija barranin.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tinnota li fis-seduta miżmuma fl-20 ta' Ġunju 2023, din il-Qorti kif preseduta ġiet mitluba tieħu konjizzjoni tas-sentenza mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs. Avukat Ġenerali et** (Numru 90/2018). Dwar din is-sentenza, din il-Qorti tinnota li hemm appell pendenti dwarha u għaldaqstant dak deċiż mill-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-sentenza msemmija għad irid jiġi skrutinizzat mill-Qorti Kostituzzjonali.

Illi għal dawk li huma fatti, din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi b'rabta mat-tieni aggravju l-appellant iressaq dak li jidher li huwa aggravju ieħor marbut ma' l-assoċjazzjoni ta' traffikar ta' droga. Dan l-ilment huwa imsejjes fuq l-interċettazzjonijiet magħmula mill-Pulizija u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dawn iż-żewġ punti huma marbuta flimkien u għalhekk ser jiġu trattati flimkien.

Illi dwar l-assoċjazzjoni l-appellant, b'riferenza għal Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jispjega li mid-diċitura tal-Artikolu in kwistjoni, għall-fini ta' assoċjazzjoni, huwa biżżejjed li persuna tkun konxja mir-rwol tagħha. Ikompli jgħid li huwa biżżejjed li jiġi ppruvat ftehim bejn mill-inqas żewġ persuni lokalment jew barra minn Malta u li dan il-pjan irid jirrigwarda reat kriminali iżda ma hemmx bżonn li jkun hemm pjan preċiż.

Illi skont l-appellant għal dak li jirrigwarda l-appellat Chetcuti dan kellu r-rwol li jorganizza sabiex *power boat* twassal id-droga f'Malta. Jagħmel riferenza għal numru ta' telefonati li saru fejn l-appellat Chetcuti jagħti indikazzjonijiet li kien hemm xi attivita' għaddejja. L-appellant jgħid li anke jekk wieħed jaqra l-interċettazzjonijiet mingħajr ma jkun jaf il-kuntest li jkunu saru fihom, wieħed jinduna li kien hemm xi ħaġa illeċita għaddejja.

Illi din il-Qorti tinnota li l-iter proċesswali ta' dan il-każ kien kemm xejn twil. Il-proċeduri odjerni nbdew fl-1 ta' Novembru 2002 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. L-Avukat Ġenerali ppreżenta l-Att tal-Akkuża (Vol. XVIII – *a fol.* 3064 *et seq.)* fil-konfront tal-appellati fil-15 ta' Ottubru 2009 u fid-29 ta' Diċembru 2014 l-Avukat Ġenerali ħareġ il-Kontro-Ordni (Vol. XVIII – *a fol.* 3286*)* sabiex dan il-każ seta' jiġi mismugħ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Illi dwar ir-reat ta' assoċjazzjoni Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

> "(1) Kull min –
>
> [...]
>
> (f) jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni,
>
> ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza."

Illi din il-Qorti eżaminat dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et** (Numru 15/2001) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

*"[...] although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.*

*Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (Section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy* <u>*and*</u> *the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is* <u>*not necessarily*</u> *going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."*

Illi dwar Artikolu 22(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Micallef et** (Numru 363/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Illi allura għalkemm huwa minnu, kif jisħaq l-Avukat Ġenerali, illi sabiex jissussisti r-reat maħsub fl-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' l-appellati hemm il-ħtieġa biss li jiġi ppruvat <u>il-pjan maħsub bejn tnejn minn nies jew iktar sabiex tinbiegħ jew tiġi traffikata d-</u>

> droga, mingħajr il-prova tanġibbli tad-droga jew tal-persuni li kellhom jissupplixxu din id-droga, madanakollu prova li kienet għaddejja din il-konġura trid tissussisti mill-atti. Kif ingħad skartata il-prova ta' l-istqarrijiet tal-appellati, skartata l-prova magħmula bl-istqarrijiet ġuramentata taż-żewġ xhieda Jason Briffa u Joseph Grech u skartati l-interċettazzjonijiet telefoniċi, li *del resto* imkien ma isemmu il-kelma 'droga' jew x'tip ta' droga kienet ser tiġi ittraffikata u f'liema kwantita, għar-raġunijiet hawn fuq miġjuba, ma jifdal l-ebda prova fl-atti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li tipponta subajgħha fid-direzzjoni ta' xi assoċjazzjoni bejn il-persuni ta' l-appellati għal fini li tiġi ttraffikata d-droga." [emfażi miżjuda]

Illi l-appellati jilmentaw li n-numri tat-telefon ta' uħud mill-persuni l-oħra li kienu ġew oriġinarjament akkużati magħhom ma ġewx identifikati u għalhekk it-traskrizzjonijiet tal-interċettazzjonijet ma humiex ta' fejda. Din il-Qorti tinnota li, kif *del resto* qalu d-difensuri tal-appellati waqt is-sottomissjonijiet, fl-atti hemm prova ta' dak li huwa n-numru tat-telefon tagħhom. Mhux l-istess ħaġa jista' jingħad fuq il-persuni li magħhom kienu qed jitkellmu. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li minkejja li mir-rapport mħejji mill-Espert Tekniku Martin Bajada (Vol. VII – *a fol.* 1545 *et seq.*) jirriżulta li Romeo Bone kellu żewġ numri tat-telefon, fit-traskrizzjonijiet tal-interċettazzjoni jirriżulta li Romeo Bone kien qed juża numru ieħor. Jirriżulta mid-dokumenti ppreżentati mir-rappreżentant tas-soċjeta' Vodafone (Vol. II – *a fol.* 547 *et seq.*), liema dokumenti jinsabu aktar 'il quddiem (Dok. "NH 96": Vol. XV – *a fol.* 2926 *et seq.*), li dan l-aħħar numru ma kienx reġistrat u lanqas jirrizulta fir-rapport imħejji mill-espert Martin Bajada. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx in-ness neċessarju sabiex wieħed jorbot in-numru tat-telefon in kwisjtoni ma' Romeo Bone.

Illi stabbilit dan din il-Qorti qrat it-traskrizzjonijiet fl-atti proċesswali u minnhom jirriżulta li kien hemm xi forma ta' mekkanizzazjoni għaddejja. Minkejja dan, din il-Qorti hija

prekluża li tieħu kont tal-istqarrijiet u tinnota li hemm nuqqas ta' ness bejn in-numru li fit-traskrizzjonijiet jidher li huwa ta' Romeo Bone ma' l-istess persuna. Din il-Qorti trid tara jekk mill-atti proċesswali hija tistax tasal għal konklużjoni li l-appellati kienu qegħdin f'assoċjazzjoni ntiża għal importazzjoni tad-droga.

Illi kif indikat mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-Appell tiegħu kif ukoll mill-Ewwel Qorti t-tema tad-droga ma tidher imkien mit-traskrizzjonijiet tat-telefonati. Jidher ukoll li bejn l-appellati kien hemm ukoll tranżazzjonijiet differenti għaddejjin tant huwa hekk li f'numru ta' telefonati li seħħew bejniethom huma jsemmu jekk l-appellat Borg bediex id-dgħajsa ta' missier l-appellat l-ieħor. Minbarra dan anke fir-relazzjoni li kien hemm bejn l-appellat Chetcuti u l-persuna identifikata fit-traskrizzjonijiet bħala Romeo Bone jirriżulta li l-appellat Chetcuti biegħ senter lil Bone u dan fid-29 ta' Mejju 2002 u qabel ma allegatament sfratta kollox.

Illi minn naħa l-oħra din il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni dak li huwa rappurtat fit-traskrizzjonijiet tat-telefonati. Dawn it-traskrizzjonijiet imkien ma jsemmu xi affarijiet li huma relatati b'mod dirett mad-droga. Mit-traskrizzjonijiet lanqas hemm indikazzjoni ta' inferenzi marbuta mad-droga bħal piż jew affarijiet oħra. Dan seta' jfisser li l-involviment tal-appellati seta' kien dwar kull ħaġa.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għat-traskrizzjonijiet li hemm fl-atti proċesswali b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw l-appellat Borg. F'dan ir-rigward din il-Qorti tinnota li l-konverżazzjonijiet kienu kollha mal-appellat l-ieħor, għajr għal ftit. Dawn it-telefonati kienu ma' Daniel Bonnici mal-*MET Office* u ma' żewġ persuni mhux identifikati. Minn analiżi li għamlet din il-Qorti s-segwenti estratti jirriżultaw l-aktar interessanti: *a fol.* 3432, 3437, 3453, 3457, 3472, 3477 u 3480 (Vol. XIX).

Illi minn analiżi tal-fatti hekk kif imfissra mill-iSpettur Neil Harrison fl-1 ta' Novembru 2002 (Vol I. – *a fol.* 201 *et seq.)* jirriżulta li fit-30 ta' Mejju 2002 ġew arrestati mill-awtoritajiet Taljani

Raymond Borg u Fabio Psiala. Dan l-avveniment jinkwadra bħala data ma' l-aħħar traskrizzjoni (Vol. XIX – *a fol.* 3480) fejn jintqal li kollox kien fuq *standby* minħabba li kien intilef il-kuntatt.

Illi minkejja li din hija indikazzjoni pero' waħedha ma tissodisfax il-prova rikjesta li kienet għaddejja l-konġura li tinġieb id-droga hawn Malta. Lanqas ma hemm xi forma ta' riferenza għal min qed jirreferu l-appellati. F'dan ir-rigward din il-Qorti tkun tista' tagħmel ipoteżijiet biss minħabba li mit-traskrizzjonijiet dan ma jirriżultax.

Illi rigward it-traskrizzjonijiet tat-telefonati magħmula mill-appellat l-ieħor Chetcuti din il-Qorti tinnota li l-aktar traskrizzjonijiet li huma ta' interess (minbarra dawk indikati aktar 'il fuq ma' l-appellat l-ieħor) huma s-segwenti: *a fol.* 3540, 3560, 3562, 3563-3564 u 3565-3568 (Vol. XIX).

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal aħħar interċettazzjonijiet minħabba li minn dawn joħroġ l-aktar li seta' kien hemm rabta mal-imputati marbuta mar-reat ta' importazzjoni ta' droga. Iżda minn dawn l-aħħar traskrizzjonijiet jidher li l-emfażi kienet biex jinġiebu xi imputati oħra minn Sqallija. Dan qed jingħad minħabba li d-data tal-interċettazzjonijiet kienet wara li kienu ġew arrestat l-Maltin ġo Sqallija. Għalhekk dawn il-konverżazzjonjiet ma jistgħux ikunu marbuta mal-importazzjoni tad-droga. Minħaba f'hekk din il-Qorti hija tal-fehma li t-traskrizzjonjiet li hemm fl-atti proċesswali ma humiex ta' natura tali li minnhom joħroġ li l-appellati kienu f'konfoffa sabiex tiġi importata d-droga. Għalkemm mill-atti proċesswali tirriżulta rabta bejn dawk li kien bi ħsiebhom possibbilment jimpurtaw id-droga u l-appellati, ir-rabta li tirriżulta mill-aħħar traskrizzjonijiet kienet li kellhom jinġiebu Malta l-Maltin li kienu, sa dak il-mument, għadhom l-Italja wara li t-tranżazzjoni sfrattat. Mill-atti proċesswali ma tirriżultax il-konfoffa neċessarja sabiex tiġi impurtata d-droga bejn l-appellati u l-persunaġġi li ġew arrestati l-Italja u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha u b'hekk l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali ser jiġi miċħud. Bħala konsegwenza ta' dan, din il-Qorti ma

għandhiex għalfejn tidħol fil-mertu tal-bqija ta' dak imqajjem mill-appellati.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023 miżmuma quddiem din il-Qorti kif preseduta, l-appellat Chetcuti talab sabiex ir-reati li huwa ġie misjub ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti jitħassru mill-fedina penali tiegħu. Jispjega li huwa ma ressaqx din it-talba qabel minħabba li l-provvediment in kwistjoni daħal fil-liġi tagħna wara li ġie ppreżentat l-appell.

Illi din il-Qorti tistieden lill-appellat Chetcuti jieħu konjizzjoni ta' dak li jiddisponi Artikolu 8A tal-Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk isegwi li din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tieħu konjizzjoni tat-talba tal-appellat Chetcuti hekk kif imsemmi fis-seduta msemmija fil-paragrafu preċedenti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**